17 ta' Lulju, 1945.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Joseph Navarro** *versus* **Michael Pizzuto**

**Bejgħ — Vizzju tal-Kunsens — Żball — Nullità — Art. 982 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Żball ta' fatt jipproduċi n-nullità tal-konvenzjoni meta jaqa' fuq is-sustanza tal-ħaġa li tifforma l-oġġett tal-konvenzjoni; u hija l-opinjoni preferibbli illi l-kelma "sustanza" għandha tittieħed bħala sinonimu ta' "kwalità sostanzjali", u li din il-kwalità tiddependi mill-intenzjoni tal-partijiet.*

*Għaldaqstant bejgħ li sar għax ix-xerrej kien taħt żball ta' fatt—fil-każ l-oġġett tal-bejgħ kien radju li x-xerrej xtara għax minn għalih li kellu x-"short wave", mentri fil-fatt dik l-onda qasira ma kellux—huwa null minħabba vizzju tal-kunsens.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur sabiex, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtijin il-provvedimenti li jkunu meħtieġa, billi fit-18 ta' Marzu 1945, l-attur xtara minn għand il-konvenut radjo "Philips" bil-prezz ta' £26, oltre £1 mħallsa lis-sensal fl-operazzjoni; u billi l-konvenut kien qallu li dan ir-radjo kien fornit għar-riċezzjoni ta' stazzjonijiet trasmittenti fuq l-onda qasira; u billi l-attur xtara r-radjo b'dik il-fehma u b'dak il-ħsieb, mentri l-għada huwa skopra illi ma kienx bl-onda qasira, għaliex kien tip fornit biss bl-onda twila u medja; u billi għalhekk il-vendita tar-radjo fuq imsemmi kienet vizzjata, għaliex il-kunsens ta' l-attur ġie mogħti mħabba żball ("errore") u anki, għall-bżonn, għaliex dan il-kunsens ġie estort b'dolo tal-konvenut; u billi l-konvenut, għalkemm interpellat, ma ġiex biex jirtira lura l-imsemmi radjo u jirrifondi l-flus li rċieva, u għalhekk l-attur kellu jgħaddi għad-depożitu tiegħu; jiġi dikjarat illi l-kuntratt tal-bejgħ ta' l-imsemmi radjo "Philips" huwa null imħabba vizzju tal-kunsens ossija żball, u għall-bżonn anki minħabba dolo da parti tal-konvenut, u dana jiġi kundannat jirrifondi lill-attur is-somma ta' £27, u kwantu għal £26 prezz tar-radjo, u in kwantu għal £1 mħallsa bħala senserija. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' April 1945 u taċ-ċedola ta' depożitu tat-23 ta' April 1945;

*Omissis;*

Illi mill-provi jirriżulta li r-radjo in kwistjoni ma għandux onda qasira.............;

Illi però, jirriżulta ċar biżżejjed mill-provi li l-attur kellu f'moħħu li jixtri radjo kapaċi ta' riċezzjoni minn stazzjonijiet trasmittenti fuq l-onda qasira.............. — dak li jmissu wera lill-konvenut illi l-attur kien irid li r-radjo li jixtri jkun fornut bl-onda qasira, u kwindi, forsi anki jġiegħlu javvertih, meta beda l-ftehim fuq ir-radjo in kwistjoni, li dana kien sprovvist minn dik l-onda. Barra minn dan, l-attur xehed li huwa kien *taħt l-impressjoni*, meta xtara r-radjo in kwistjoni, li *dana kien fornit bl-onda qasira*, u li żgur ma kienx jixtrieh kieku kien jaf li ma kienx; u dana għandu jiġi emmnut, meta hemm il-prova fuq indikata..........;

Illi dana kollu juri li l-attur kien fi żball meta xtara r-radjo *in kwistjoni*, għaliex fil-waqt li kien qiegħed jaħseb li kien *provvist bl-onda qasira, kif il-provi juru li huwa riedu*, fil-fatt ma kienx;

Tikkunsidra;

Illi skond il-liġi, żball ta' fatt ("error of fact") jipproduċi n-nullità tal konvenzjoni meta jaqa' fuq l-istess sustanza tal-ħaġa li hija l-oġġett tal-konvenzjoni (art. 682 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868); u l-opinjoni preferibili hija dik li l-kelma "sostanza" għandha tittieħed bħala sinonimu ta' "kwalità sostanzjali", u li dana l-karattru jiddependi mill-intenzjoni tal-partijiet;

Illi difatti, insibu fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tagħna mogħtija fil-kawża "Avv. Dr. Gius. Agius ne. vs. F.S. Vassallo et. ne." (Kollez. XXIV—I—1134) :— "L'articolo 682 di detta Ordinanza, corrispondente all'articolo 1110 del Codice Civile Italiano, stabilisce che l'errore di fatto non produce la nullità della convenzione se non quando cade sulla sostanza stessa della cosa che ne è l'oggetto. Sono varie le opinioni intorno a che cosa si debba intendere per 'sostanza', si nella dottrina francese che nella dottrina italiana; ma il Giorgi, seguendo la teoria più plausibile e più largamente accettata, ritiene al Vol. IV. Teoria delle Obbligazioni, numero marginale 51, che il criterio sottinteso dal legislatore sul significato della parola 'sostanza' è interamente subbiettivo;

vale a dire, un criterio tutto relativo al modo con cui veniva considerato l'oggetto della convenzione dal contraente che si è ingannato";

Tikkunsidra:

Illi kif ġà fuq ġie rilevat, jirriżulta ill' meta l-attur kien qiegħed jikkuntratta għax-xiri tar-radjo in kwistjoni, huwa kien qiegħed jissupponi li dan kien fornit għar-riċezzjoni ta' stazzjonijiet trasmittenti fuq l-onda qasira, u xehed li żgur ma kienx jixtrieh kieku kien jaf li ma kellux dik l-onda......... Dina li'ja ħaġa li għandha tiġi emmnuta.............. ;

Ill għar-raġunijiet premessi jirriżulta għas-sodisfazzjon tal Qorti illi dina l-kwalità tar-radjo, jiġifieri li jkun fornit bl-onda qasira, kienet kwalità li l-attur kellu prinċipalment in vista fil kuntratt, u tifforma s-sustanza tal-ħaġa, għaliex mingħajrha ma kienx jistipulah; u għalhekk l-iżball fuqha jivvizja profondament il-kunsens;

Tikkunsidra;

Illi l-attur talab id-dikjarazzjoni li huwa null il-kuntratt tal-bejgħ tar-radjo in kwistjoni minħabba l-iżball fuq imsemmi, u għal bżonn anki minħabba dolo tal-konvenut, u l-kundanna ta' dan sabiex jirrifondilu l-prezz tar-radjo ammontanti għal £26, u l-ispiża tas-senserija ammontanti għal £1;

Illi kif ġa ngħad, jirriżulta għas-soddisfazzjon tal-Qorti, illi huwa null il-kuntratt ta'-bejgħ tar-radjo in kwistjoni minħabba vizju tal-kunsens ta' l-attur, imma ma ġiex biżżejjed pruvat id-dolo tal-konvenut. Għalhekk għandha tiġi milqugħa t-talba ta' l-attur għad-dikjarazzjoni li huwa null il-kuntratt tal-bejgħ u għall-kundanna tal-konvenut għar-rifużjoni tal-prezz tiegħu; imma le t-talba għar-rifużjoni ta' l-ispiża tas-senserija;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tiddikjara null il-kuntratt tal-bejgħ tar-radjo ndikat fiċ-ċitazzjoni għal vizju tal kunsens ta' l-attur, u tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-istess attur il-prezz ta' dak ir-radjo ammontanti għal £26;

Tordna illi l-ispejjeż ma jġux taxxati. Id-dritt tar-reġistru jħallsu l-konvenut.

---